

Brussell, 20 ta' Marzu 2017
(OR. en)

7429/17

**Fajl Interistituzzjonali:
2015/0287 (COD)**

JUSTCIV 58
CONSOM 93
DIGIT 57
AUDIO 29
DAPIX 100
DATAPROTECT 42
CODEC 426

NOTA

minn: Presidenza

lil: Kunsill

Nru dok. Cion: 15251/15

Suġġett: Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ċerti aspetti li jikkonċernaw il-kuntratti għall-provvista ta' kontenut diġitali (**L-ewwel qari**)
- Rapport ta' progress

I. Introduzzjoni

1. Il-proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva dwar ċerti aspetti li jikkonċernaw kuntratti għall-provvista ta' kontenut diġitali ("Direttiva dwar kuntratti għall-provvista ta' kontenut diġitali", "id-Direttiva proposta") ġiet ippreżentata fid-9 ta' Diċembru 2015 bħala parti mill-"Istrateġija għal Suq Uniku Diġitali għall-Ewropa"¹. Il-Kunsill (Ġustizzja u Affarijiet Interni) kellu dibattiti ta' orjentazzjoni dwar din il-proposta f'Marzu (dok. 6150/16), Ġunju (dok. 9768/16) u Diċembru 2016 (dok. 14827/16).
2. Il-Prezidenza Maltija inkludiet il-progress fuq dan il-fajl bħala waħda mill-prijoritajiet legiſlattivi ewlenin tagħha.

¹ 8672/15.

3. Abbażi tal-progress tajjeb li sar taħt il-Presidenza Netherlandiża u dik Slovakka, b'mod partikolari l-linji gwida politiċi approvati mill-Kunsill (Ġustizzja u Affarijiet Interni) f'Ġunju 2016 (dok. 9768/16) u r-riżultati tad-dibattitu ta' orjentazzjoni fil-Kunsill (Ġustizzja u Affarijiet Interni) f'Diċembru 2016, il-Grupp ta' Ħidma dwar Materji ta' Dritt Ċivili (Dritt Kuntrattwali) kompli d-deliberazzjonijiet tiegħu dwar id-Direttiva proposta abbażi ta' test rivedut imfassal b'mod konġunt mill-Presidenza Slovakka u dik Maltija f'Diċembru 2016 (dok. 15674/16) u għadd ta' proposti ta' kompromess tal-Presidenza Maltija dwar artikoli specifici².
4. Matul ix-xhur ta' Jannar, Frar u Marzu 2017 ġew iddedikati tliet laqgħat ta' jumejn tal-Grupp ta' Ħidma għal dawn id-diskussjonijiet.
5. Il-Presidenza Maltija ffokat ħidmietha fuq is-sejbien ta' kompromessi dwar il-kunċetti u l-kwistjonijiet ewlenin tad-Direttiva proposta, bħalma huma r-regoli dwar il-konformità u dwar ir-rimedji. L-approċċ li ttieħed fid-diskussjonijiet kien li jiġu eżaminati flimkien id-dispożizzjonijiet relatati u li dawn jiġu indirizzati f'raggruppamenti.

II. Diskussjoni dwar is-sitwazzjoni attwali tar-raggruppamenti

6. Bl-applikazzjoni ta' dan l-**approċċ ta' raggruppament**, il-fokus prinċipali tqiegħed fuq il-kwistjonijiet sostantivi tal-proposta li ġejjin:
 - **il-kriterji ta' konformità;**
 - **ir-regoli dwar il-provvista tal-kontenut diġitali jew tas-servizz diġitali, u dwar ir-rimedji f'każ ta' nuqqas ta' provvista;**
 - **ir-rimedji f'każ ta' nuqqas ta' konformità;**
 - **il-limiti ta' żmien għar-responsabbiltà tal-fornitur għan-nonkonformità u t-treġġigħ lura tal-oneru tal-provi.**

² WK 489/2017 INIT, WK 1781/2017 INIT, WK 2137/2017 INIT, WK 2138/2017 INIT

7. Filwaqt li tirrifletti l-linji gwida politiċi tal-Kunsill (Ġustizzja u Affarijiet Interni) ta' Ġunju 2016 u r-riżultati tal-Kunsill ĠAI ta' Diċembru 2016, il-ħidma tal-Grupp ta' Ħidma dwar **kriterji ta' konformità** għall-kontenut diġitali u s-servizz diġitali (Artikoli 6, 6a u 7) qed toqrob il-konklużjoni tagħha abbażi ta' kompromess li jqiegħed il-kriterji ta' konformità oġġettivi u dawk soġġettivi fuq l-istess livell. Hemm ukoll diskussjoni li l-fornitur jingħata l-possibbiltà li jiddevja mill-kriterji oġġettivi dment li l-konsumatur ikun ġie infurmat b'din id-devjazzjoni u jkun qabel magħha espressament u separatament. Madankollu, jeħtieġ aktar ħidma fil-livell tekniku b'rabta mal-kwistjoni tad-drittijiet ta' terzi persuni (Artikolu 8), jiġifieri dwar rimedji disponibbli għall-konsumatur f'każ li l-kontenut diġitali jew is-servizz diġitali jkun soġġett għal drittijiet ta' terzi persuni, bħal drittijiet ta' proprjetà intellettuali, li ma jippermettux l-użu tal-kontenut diġitali jew tas-servizz diġitali f'konformità mal-kuntratt.
8. Wara eżami tekniku fil-fond, sar ukoll progress tajjeb ħafna b'rabta mal-**obbligu tal-fornitur li jipprova** l-kontenut diġitali jew is-servizz diġitali u d-drittijiet u d-drittijiet korrispondenti tal-konsumatur (Artikoli 5 u 11). Minħabba l-attitudni kostruttiva ħafna tal-Istati Membri kollha jidher li jista' jintlaħaq approċċ komuni. B'mod partikolari, il-Presidenza hija tal-opinjoni li abbażi tal-kompromess li qiegħed jiġi diskuss bħalissa fil-livell tekniku jista' jintlaħaq bilanċ xieraq bejn l-interessi tal-konsumaturi u dawk tal-fornitur b'rabta mar-**rimedji għan-nuqqas ta' provvista**. Dan il-kompromess jinkludi l-għoti ta' opportunità oħra lill-fornitur f'każ ta' nuqqas ta' provvista tal-kontenut diġitali jew tas-servizz diġitali, soġġett għal ċerti salvagwardji għall-konsumatur f'każijiet fejn din l-opportunità ma tapplikax.
9. Saret ħafna ħidma mill-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill għar-**rimedji għall-konsumatur f'każ ta' nonkonformità tal-kontenut diġitali jew tas-servizz diġitali** (Artikolu 12). Bis-saħħa tal-isforzi intensivi u għal darb'oħra l-approċċ kostruttiv ħafna tad-delegazzjonijiet biex jiżviluppaw pożizzjoni konverġenti, sar progress fuq din il-kwistjoni fil-livell tekniku. Soġġett għal qbil dwar il-pakkett globali tar-rimedji għall-konsumatur u aktar diskussjonijiet tekniċi, il-Presidenza temmen li jista' jintlaħaq approċċ komuni għal soluzzjoni bbilanċjata li jħares kemm l-interessi tal-fornitur kif ukoll dawk tal-konsumatur.

10. Fir-rigward tal-**limiti ta' żmien għar-responsabbiltà tal-fornitur għan-nonkonformità u l-limitu ta' żmien relatat għat-treġġiġh lura tal-oneru tal-provi** (Artikoli 9 u 10), il-fehmiet tal-Istati Membri għadhom ivarjaw minkejja diskussjonijiet fil-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill. Għal dan il-għan ser titwettaq aktar ħidma teknika fuq din il-kwistjoni.
11. Jeħtieġ ukoll aktar ħidma teknika b'rabta mad-drittijiet tal-konsumatur f'każ tal-**modifika tal-kontenut diġitali jew tas-servizz diġitali mill-fornitur** (Artikolu 15) u **terminazzjoni fil-każ ta' kuntratti fit-tul** (Artikolu 16). Il-Presidenza tinnota madankollu xi xejriet konverġenti fost id-delegazzjonijiet fir-rigward ta' dawn l-Artikoli.

III. Relazzjoni mar-regoli tal-protezzjoni tad-data

12. Fis-6 ta' Diċembru 2016, is-**Servizz Legali tal-Kunsill** ippreżenta **opinjoni** legali dwar ir-**relazzjoni bejn id-Direttiva proposta u l-leġislazzjoni tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data** (dok. 15287/16), liema opinjoni ġiet ippreżentata b'mod orali fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma fit-23 ta' Frar 2017.
13. Permezz ta' Deċiżjoni tal-COREPER tal-10 ta' Jannar 2017, il-**Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (KEPD)** intalab jipprovdi **opinjoni bil-miktub** dwar il-mistoqsijiet li jikkonċernaw il-protezzjoni tad-data li tqajmu mid-Direttiva proposta. Barra minn hekk, il-KEPD ġie mistieden għal-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma dwar Materji ta' Dritt Ċivili (Dritt Kuntrattwali) tat-23 ta' Frar 2017, biex jagħti intervent informali u jagħmel skambju ta' fehmiet mar-rappreżentanti tal-Istati Membri qabel l-opinjoni bil-miktub.
14. Id-diskussjoni dwar id-data bħala forma ta' eżekuzzjoni korrispettiva u d-dispożizzjonijiet korrispondenti ġiet posposta sakemm tiġi ppreżentata l-opinjoni bil-miktub tal-KEPD dwar dan l-aspett importanti tad-Direttiva proposta. L-opinjoni tal-KEPD waslet fl-14 ta' Marzu 2017 (dok. 7369/17), u b'hekk ser ikun jista' jsir l-eżami ulterjuri tal-kwistjoni mill-Grupp ta' Ħidma dwar Materji ta' Dritt Ċivili (Liġi Kuntrattwali) matul il-laqgħa tiegħu fl-aħħar ta' April 2017.

15. Il-Presidenza temmen li dawn l-opinjoni jipprovdu ċ-ċarezza u l-bażi meħtieġa biex isir progress fis-soluzzjonijiet tekniċi konkreti għal din il-kwistjoni.

IV. Kwistjonijiet oħra relatati mal-kamp ta' applikazzjoni

16. Id-diskussjoni fil-Grupp ta' Ħidma avanzat ukoll fir-rigward tal-**kamp ta' applikazzjoni** tal-proposta, b'mod partikolari b'rabta mal-lista ta' kuntratti li għandhom jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha, kif ukoll l-interazzjoni mad-drittijiet kuntrattwali ġenerali tal-Istati Membri (il-paragrafi 5 u 9 tal-Artikolu 3).

V. Il-passi li jmiss

17. Il-Presidenza tilqa' bis-sħiħ l-ispirtu eċċellenti ta' kompromess li żviluppa fost l-Istati Membri fil-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar Materji ta' Dritt Ċivili (Dritt Kuntrattwali). Minħabba din l-attitudni kostruttiva ħafna, kien possibbli li jsir progress sostanzjali fin-negozjati, kif deskritt hawn fuq.
18. Fid-dawl ta' dan, filwaqt li tagħraf il-ħtieġa ta' aktar diskussjonijiet tekniċi, il-Presidenza temmen li l-kompromessi neċessarji dwar il-proposta għad-Direttiva fir-rigward ta' kuntratti għall-provvista ta' kontenut diġitali jistgħu jintlaħqu. Il-ħidma fuq id-Direttiva proposta ser tkompli, b'kont meħud tal-ħtieġa li jiġi żgurat li l-interessi tal-konsumaturi u l-fornituri jkunu bbilanċjati.
19. Il-Presidenza hija fiduċjuża li din il-ħidma tista' tipprovdi l-bażi għal mandat ta' suċċess fil-Kunsill sa tmiem il-Presidenza Maltija, u b'hekk twitti t-triq għal diskussjonijiet tat-trilogu bejn il-Presidenza Estonjana li jmiss u l-Parlament Ewropew, fejn huwa mistenni vot fil-Kumitati prinċipali fl-aħħar ta' Mejju/Ġunju 2017.

IV. Konklużjoni

20. **Il-KUNSILL huwa mistieden jieħu nota tar-rapport ta' progress ta' hawn fuq.**